MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. PHILIP MANDUCA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1820/2002

**Helen Borg Bonnici u Josephine Borg**

**Vs**

**Joseph u Pia Camilla konjugi Bianco**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm47.62 (sebgha u erbghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu) in konnessjoni ma' flus nieqsa li vversawlhom mill-amministrazzjoni tal-uzufrutt dovut lilhom ghas-sena 2001 fuq l-introjtu konsistenti fi gbir ta' qbiela, kera u cnus mill-eredita tal-mejjet Loreto Bonnici.

L-atturi qalu li l-konvenuti ma messhomx naqsu l-ammont ta' Lm47.62 (sebgha u erbghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu) stante li l-atturi kienu dige hallsu direttament huma lin-Nutar dik is-somma ghal sehemhom ta' usufrutt u l-konvenuti ma hallsux dan is-sehem lin-Nutar.

Illi l-konvenuti pprezentaw risposta fejn qalu li t-talba hija ngusta ghaliex “l-uzufrutt taghhom ma giex kapitalizzat u ghaldaqstant is-sehem dovut minnhom bhala spejjez kellu jizdied b’dan l-ammont gja mhallas mill-konvenut Joseph Bianco.”

Ra d-dokumenti esebiti u sema x-xhieda.

Ikkunsidrat li skond id-dokumenti ffirmat minn Nutar Christopher Gatt l-ammont imhallas mill-atturi fit-12 ta’ Marzu, 2002 kien jinkludi d-dritt u l-ispejjez tan-Nutar in konnessjoni mas-sehem taghhom “of usufruct of the partitioned property”.

Illi skond r-rendikont (Part 11) esebit a fol 14 tal-process l-ammont dovut lil atturi tnaqqas b’ammont in konnessjoni ma’ “Notarial Fees” ara para 8.

Illi fir-risposta taghhom il-konvenuti jallegaw li “l-uzufrutt tal-atturi ma giex kapitalizzat”. Illi skond l-ittra miktuba minn Nutar Gatt datat 12 ta’ Gunju, 2002 a fol 17 tal-process “the usufruct was capitalized”.

In-Nutar Gatt xehed li l-konvenut Bianco ma hallasx sehem l-atturi mill-ispejjez dovuti fuq l-usufrutt li huma kienu jgawdu (ara xhieda datat 26 ta’ Novembru 2002).

Il-konvenuti naqsu li jixhdu f’din il-kawza.

Illi mill-provi jirrizulta li l-atturi kienu hallsu sehemhom mill-ispejjez tan-Nutar Gatt u ghalhekk il-konvenut Bianco ma kellux jirriduci s-sehem taghhom kif fil-fatt ghamel.

Ghaldaqstant it-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-konvenuti, jilqa' t-talba attrici u jordna lill-konvenuti li jhallsu l-atturi l-ammont ta' Lm47.62 (sebgha u erbghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu) bl-ispejjez.

--------------------------------TMIEM--------------------------------